MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 461/2009

**In-Nutar Vanessa Pool u Roberto Pool**

**-vs-**

**Rita Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta’ Mejju 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi huma l-uniċi wlied ta’ Carmelo *sive* Charles Pool u Mary Rose nee Abela, imwielda t-tnejn li huma fl-1971.

2. Illi missierhom, illum mejjet, kien għamel testment fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius, tad-9 ta’ Ottubru 1997, fejn kien ħalla legat lill-intimata, Rita Agius, id-dar ta’ residenza tiegħu bl-oġġetti ta’ ġo fiha eskluż xi

oġġetti tal-fotografija, kotba tal-bank u titoli rappreżentanti flus.

3. Illi dan it-testment tad-9 ta' Ottubru, 1997 fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius huwa null u bla effett *stante* li huwa sprovvist mill-firem ta' żewġ xhieda kif huwa pprovdut *ad validitatem* fl-artikoli 655 u 672 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16.

4. Illi għaldaqstant il-wirt ta' Carmelo *sive* Charles Pool, missierhom, huwa regolat *ab intestato* u huma l-uniċi eredi tiegħu.

5. Illi għalkemm huma, permezz ta' nota ta' rinunzja numru 64/2009, kienu rrinunzjaw għall-wirt ta' missierhom, sussegwentement u anke peress li ħadd ma deher biex jaċċetta l-wirt ta' missierhom, talbu lill-Qorti sabiex jaċċettaw il-wirt ta' missierhom bil-benefiċċju ta' inventarju, liema talba ntlaqgħet permezz tad-digriet numru 160/09.

6. Illi l-intimata, minkejja li avżata verbalment fil-11 ta' Marzu 2009, mir-rikorrenti Vanessa Pool dwar l-invalidita' tat-testment, qed tippretendei li bħala legatarja hija għandha l-pussess u titolu validu fuq dan il-fond ta' residenza tad-*decuius,* "Electron", Blokk 41, Flat 1, fi Triq Carini f'Santa Venera u l-istess intimata saħansitra daħlet fil-fond u qed tieħu pussess tal-oġġetti fil-*flat*, peress li kienet qaċċtet il-katnazz tar-rikorrenti u għamlet wieħed tagħha, kif minnha ammess mal-uffiċjali tal-Pulizija fir-rapport, kopja annessa.

7. Illi r-rikorrenti mxew kontra l-intimata permezz ta' Mandat ta' Inibizzjni Numru 585/09 GC, li ġie aċċettat mill-Qorti u li permezz tiegħu, l-intimata ġiet inibita milli tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos*, sew b'titolu oneruż jew b'kull mod ieħor, il-fond "Electron" Flat 1, Carini Street, Santa Venera u l-effetti mobbli ta' ġo fih.

8. Illi sadanittant kemm il-fonbd imsemmi kif ukoll l-oġġetti ta' ġo fih huwa garanzija għad-djun tad-*decuius* mal-Bank u d-dewmien biex dan jintużaw biex issir il-ħlas,

qed jinkorri lill-esponenti f'imgħaxijiet ulterjuri u danni nġenti. Id-dewmien qed itellef ukoll lill-esponenti r-*rebate* fuq id-denunzja li għadhom ma għamlux, minħabba l-aġir rresponsabbli tal-intimata.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti qed jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja dikjarazzjoni tan-nullita' u invalidita' tat-testment datat 9 ta' Ottubru 1997 fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius u dan *ai termini* tal-artikoli 655 u 672 tal-Kodiċi Ċivili, u previa kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment oħra opportuni jogħġobha:-

1) Tiddikjara lir-rikorrenti huma l-uniċi eredi ta' missierhom Carmelo Pool *ab intestato;*

2) Tinibixxi permanentement lill-intimat milli tidħol fil-fond "Electron", Blokk 41, Flat 1, fi Triq Carini, Santa Venera, *oltre* li tinibiha permanentement milli tiddisponi b'titolu oneruż jew gratwitu jew b'kull xorta dan l-imsemmi fond kif ukoll bl-istess mod l-oġġetti kollha mobbli ta' ġo l-istess fond.

3) Tikkundanna lill-intimata sabiex tivvaka mill-fond fuq imsmemi fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din il-Qorti.

4) Tikkundanna lill-intimata sabiex tirritorna lura l-oġġetti kollha li hija ħadet mill-imsemmi fond, u fin-nuqqas li tagħmel dan, tikkundanna lill-istess intimata sabiex tagħti lir-rikorrenti dik is-somma ta' flus ekwivalenti fil-valur għall-oġġetti meħuda, liema valur għandu jiġi stabbilit bl-opera ta' periti nominadi.

5) Tiddikjara li l-intimata hija responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti minħabba li għadha ma irrilaxxjatx dan il-fond u l-oġġetti ta' ġo fih effettivament lir-rikorrenti, liema danni jinkludu, iżda mhux biss, it-telf ta' qliegħ li qed ibatu l-istess rikorrenti minħabba dan id-dewmien, oltre l-imgħaxijiet li huma qed ikollhom iħallsu minħabba d-dejn eżistenti mal-Bank li kien isejjaħ lid-*decujus*

6) Tikkundanna lill-intimata tħallas dawn id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni nurmu 585/09 GC u tal-protest ġudizzjarju numru 139/09 kontra l-intimata li hija minn issa stess imsejħa sabiex tidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta preżentata fl-24 ta' Lulju 2009, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, din il-Qorti għandha tordna l-kjamata f'din il-kawża tan-Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius, li għandu jipproduċi t-testment tal-mejjet Charles Pool u jiddefendi l-validita' tiegħu *stante* r-responsabbilita' legali tieħu fir-rigward.

2. Illi fl-24 ta' Frar 2009, l-atturi rrinunzjaw għall-wirt ta' missierhom mingħajr ebda riżerva, u għalhekk l-ewwel talba tagħhom għandha tiġi miċħuda.

3. Illi konsegwentement, in-nota preżentata mill-atturi fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-2 ta' April 009 li biha aċċettaw l-istess wirt ta' missierhom mhijiex valida.

4. Illi mingħajr preġudizzju għat-tielet eċċezzjoni, id-dikjarazzjoni tal-atturi tat-2 ta' April 2009 li aċċettaw il-wirt ta' missierhom bil-benefiċċju tal-inventarju ma tiswiex billi l-atturi mill-bidu nett kienu ħadu oġġetti appartenenti lill-eredita' imħollija lilhom bit-testment tiegħu tad-9 t' Ottubru 1997, u anke oġġetti oħra li bl-istess testment tħallew lill-eċċipjenti.

5. Illi t-tieni talba attriċi hija legalment insostenibbli, u għalhekk għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.

6. Illi in vista tas-sueċċepit, it-tielet talba attriċi hija infondata fil-fatt u fil-liġi u għandha tiġi miċħuda.

7. Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju, anke r-raba' talba hija nfondata fil-fatt u fil-liġi billi l-eċċepjenti ma ħarġet xejn tal-wirt mill-fond residenzjali tal-mejjet.

8. Illi l-eċċepjenti ma kkaġunat ebda danni lill-atturi u għalhekk il-ħames u s-sitt talba għandhom ukoll jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

9. Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, f'każ li jirriżulta li l-atturi batew xi danni għandu jwieġeb għalihom in-Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits preżentati mill-partijiet inkluż dawk tagħhom stess;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Marzu 2010 illi permezz tiegħu ċaħdet it-talba tal-konvenuta biex jiġi msejjaħ fil-kawża n-Nutar Joseph Vassallo Agius;

Semgħet il-provi;

Rat il-verbal tad-11 ta' Ġunju 2012 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati trattaw il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja' ngħad l-atturi qed jitolbu l-iżgumbrament tal-konvenuta mill-fond imsemmi fir-rikors peress li din qed tiddetjenih a bażi ta' testament li huwa null *ai termini* tal-Artikolu 655 u 672 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi dwar il-kwistjoni tan-nullita' tat-testment ftit hemm x'wieħed jgħid. Il-kopja tat-testment esebita mar-rikors

promotur turi ċar u tond ma hemm ebda firma ta’ xhud; l-istess Nutar Vassallo Agius qal fid-depożizzjoni tiegħu li t-testatur mar għandu bil-ħsieb li jsir it-testment u fil-fatt huwa kitbu bil-premessa li meta jkun il-waqt kellu jerġa’ jmur għandu biex ikun hemm żewġ xhieda li jiffirmaw iżda dan qatt ma sar. L-Artikolu 655 imsemmi jgħid ċar u tond illi ***“testment pubbliku għandu jirċevih u jippubblikah Nutar Pubbliku quddiem żewġ xhieda”***. L-artikolu 672 jgħid illi *“in-nuqqas ta’ tħaris tal-formalitajiet imsemmija fl-artikoli 655 … jaghmel it-testment null.”*

Illi l-Artikolu **586** jagħmilha ċara li l-uniku mod kif wieħed jista’ jibbenefika minn wirt huwa permezz ta’ testament.

Illi għalhekk il-Qorti f’dan l-istadju se tara jekk l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta jimmeritawx li jiġu milqugħa.

Illi l-ewwel eċċezzjoni ġja’ ġiet imwarrba permezz tad-digriet tal-10 ta’ Marzu 2010.

Illi permezz tat-tieni tielet u r-raba’ eċċezzjoni il-konvenuta qed eċċepixxiet li peress li l-atturi kienu rrinunzjaw għall-wirt ta’ missierhom ma setgħux jerġa’ jibdielhom u jaċċettaw il-wirt wara. Madankollu l-Artikolu 867 tal-Kap. 16 ma jagħtix sostenn lil dan l-argument; infatti dan jgħid persuna li tkun irrinunzjat għall-wirt tista’ taċċetta dak il-wirt purke’ ħaddiehor ma jkunx aċċetta dak il-wirt. Ma jirriżultax li kien hemm xi ħadd ieħor illi aċċetta l-wirt, u għalhekk l-atturi setgħu jaċċettaw il-wirt in kwistjoni. Il-fatt li huma aċċettaw il-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju ma jagħmilix differenza; *semmai* wieħed jista’ jargumenta li hija r-riserva tal-benefiċċju tal-inventarju li ma tiswix fil-konfront ta’ xi kredituri. Il-ħames u sitt eċċezzjoni huma ġeneriċi u jsegwu l-argumenti miġjuba mill-eċċezzjonijiet preċedenti.

Illi peress li huma l-ewwel sitt eċċezzjonijiet li jirrigwardjaw l-ewwel tlett talbiet, huwa ċar għall-Qorti li dawn għandhom jiġu respinti. Madankollu l-abbli difensur tal-konvenuta fit-trattazzjoni tiegħu rrefera għall-fatt li t-talbiet formali ma jinkludux talba għal dikjarazzjoni ta’ nullita’ tat-testment; madankollu jirriżulta li l-atturi qed jagħmlu dawn

it-talbiet, prevja d-dikjarazzjoni simili li l-Qorti bilfors ikollha tagħti fiċ-ċirkostanzi. Kif ingħad din ma hijiex eċċezzjoni formali iżda l-Qorti jidhrilha li għandha tagħmel riferenza għall-argument li ġie sollevat.

Illi l-istess difensur tal-konvenuta rrefera għall-artikolu 622 tal-Kap. 12 li jgħid illi *"att li minħabba inkompetenza jew inkapaċita' tal-uffiċjal li kitbu għamlu jekk ippubblikah jew minħabba nuqqas ta' formalita' li trid il-liġi ma jkollux is-saħħa ta' att pubbliku jista' jinġieb bi prova bħala kitba privata bejn il-partijiet …"* Madankollu l-Qorti ma tifhimx kif dan japplika għal testment li jrid isir il-formalitajiet li trid il-liġi, għaliex altrimenti jkun null kif jgħid ċar u tond l-artikolu 672 ġja' msemmi; l-artikolu 633 imsemmi jirreferi għall-kuntratt li suppost isir b'att pubbliku u nfatti jsemmi *"partijiet"* – f'testment ma hemmx partijiet iżda biss it-testatur.

Illi madankollu ma hemmx lok li tiġi milqugħa t-tieni talba għaliex kif ġie regolarment ritenut, il-Qorti ma tistax tagħti dik l-ordni f'sentenza finali tagħha.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-ewwel sitt eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u tiddikjara null it-testment imsemmi fir-rikors promotur datat 9 ta' Ottubru 1997, u filwaqt li tiċħad it-tieni talba, tilqa' l-ewwel u t-tielet talbiet tal-atturi, mentri għall-fini tat-tielet talba qed tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż ta' dan il-ġudizzju jkun żewġ terzi a kariku tal-konvenuta u terz a kariku tal-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM------------------------------